Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2011

tal-11 ta' Novembru 2015

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 295, 12.11.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/911 tas-27 ta' April 2026	L 911	1	28.4.2026

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2011

tal-11 ta' Novembru 2015

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali

Il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali li ġejjin ser jitqiesu bħala entitajiet, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn huma stabbiliti, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 109a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE:

(1) fl-Awstrija: kull “Land” jew “Gemeinde”;

(2) fil-Belġju: kull “communauté” jew “gemeenschap”,“région” jew “gewest”, “province” jew “provincie”, jew “commune” jew “gemeente”;

(3) fid-Danimarka: kull “region” jew “kommune”;

(4) fil-Finlandja: kull “kaupunki” jew “stad”, “kunta” jew “kommun”, jew l-“Ahvenanmaan maakunta” jew il-“Landskapet Åland”;

▼M1

(5) fi Franza: kwalunkwe “région”, “département”, “commune”, “collectivité à statut particulier” jew “établissement public de coopération intercommunale à fiscalité propre”;

▼B

(6) fil-Ġermanja: kull “Land”, “Gemeindeverband” jew “Gemeinde”;

▼M1

(6a) fil-Latvja: kwalunkwe “valstspilsētas pašvaldība” jew “novada pašvaldība”;

▼B

(7) fil-Liechtenstein: kull “Gemeinde”;

(8) fil-Litwanja: kull “savivaldybė”;

(9) fil-Lussemburgu: kull “commune”;

(10) fin-Netherlands: kull “provincie”, “waterschap” jew “gemeente”;

(11) fil-Polonja: kull “województwo”, “związek powiatów”, “powiat”, “związek międzygminny”, “gmina”, jew il-“miasto stołeczne Warszawa”;

(12) fil-Portugall: ir-“Região Autónoma dos Açores” jew ir-“Região Autónoma da Madeira”;

(13) fi Spanja: kull “comunidad autónoma” jew “corporación local”;

(14) fl-Iżvezja: kull “region”, “landsting” jew “kommun”.

▼M1

_____

▼B

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.